MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 246/2014

A B

vs

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2014 Dr Joseph Ellis u l-PL Alison Wadge gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti K L u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2014 Dr Anthony Cutajar u il-PL Quentin Tanti gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri R L u G L

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

DIKJARAZZJONI

1. Illi l-attrici u l-konvenut K L izzewgu nhar il-5 ta' Marzu 2006 gewwa Aleppo fis-Syria kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg (Dok A : Certifikat taz-zwieg) ;
2. Illi matul din ir-relazzjoni, tnisslu u twieldu l-minuri R L, fil-5 ta' Marzu 2010, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok B : Certifikat tat-Twelid ta' R L) ; u l-minuri G L fit-12 ta' Frar 2014 kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok C : Certifikat tat-Twelid ta' G L) ;
3. Illi l-imsemmija minuri (R L u G L) gew registrati fl-atti tat-twelid taghhom bil-kunjom 'L' kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid ;
4. Illi l-indikazzjoni ta' K L bhala l-missier tal-minuri R L u G L fl-Atti ta' Twelid (Dok B u Dok C) huma zbaljati, u dan l-izball sar da parti ta' l-esponenti ;
5. Illi l-missier bijologiku tal-minuri R u G m'huwiex maghruf ;
6. Illi l-esponenti giet ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali (Dok D : Inkartament Ghajnuna Legali) ;

RAGUNI TAT-TALBA

1. Illi l-attrici u l-konvenut K L izzewgu nhar il-5 ta' Marzu 2006, gewa Aleppo fis-Syria kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg (Dok A : Certifikat taz-zwieg) ;
2. Illi matul din ir-relazzjoni, tnisslu u twieldu l-minuri R L, fil-5 ta' Marzu 2010, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok B : Certifikat tat-Twelid ta' R L) ; u l-minuri G L fit-12 ta' Frar 2014 kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok C : Certifikat tat-Twelid ta' G L) ;
3. Illi l-imsemmija minuri (R L u G L) gew registrati fl-atti tat-twelid taghhom bil-kunjom 'L' kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid ;
4. Illi, l-indikazzjoni ta' K L bhala lmissier tal-minuri R L u G L fl-Atti tat-Twelid (Dok B u Dok C) huma zbaljati, u dan l-izball sar da parti ta' l-esponenti ;
5. Illi l-missier bijologiku tal-minuri R u G m'huwiex maghruf ;

6. Illi l-esponenti giet ammessa ghall-benificcju tal-Ghajnuna Legali (Dok D : Inkartament Ghajnuna Legali) ;

TALBIET

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut K L m'huwiex il-missier naturali tal-minuri R L u G L;
ii. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri R L liema att ghandu n-numru 943/2010, u minn fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri G L liema att ghandu n-numru 1049/2014, kull referenza ghall-konvenut K L, senjatament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier il-konvenut K L, u jekk l-istess missier tal-konvenut K L huwiex haj jew mejjet, l-eta' tal-konvenut, u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-konvenut K L u li jidher mill-att tat-twelid citat, u minflok jitnizzel "missier mhux maghruf";
iii. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjonijiet kollha necessarji u ukoll fis-sens illi l-isem u l-kunjom il-minuri, R L isir jaqra 'R B' u l-isem u l-kunjom il-minuri G L isir jaqra 'G B';

U dan taht kull provediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri R u G L, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti

ruħu għar riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi l-informazzjoni kif tniżlet fl- Atti tat-Twelid, tal-imsemmija R u G L u bin-numru ta' reġistrazzjoni 943/2010 u 1049/2014 rispettivament, ġiet iffirmata minn A Buttiġieġ stess u b'dik il-firma kkonfermat d-dettalji li huma imniżżlin fl-att innifsu u cioe anke l-fatt li l-minuri kienet imniżla bħala wild ta' K L.

3. Illi madankollu mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jeħtieġilha illi tipprova l-impossibilità fiżika tal-konġunġiment bejnha u bejn żewġha K L u dan tul il-perijodu li jispeċifika **l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri R u G L ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħhom bin-numru ta' iskrizzjoni 943/2010 u 1049/2014 rispettivament;

5. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, f'każ li jiġu superati t-tielet u r-raba eċċezzjoni fuq imsemmija, l-esponenti xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri R u G L, li r-rikorrenti tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili**. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ħa jitilfu l-istat ta' tfal imwieldin u mnisslin fiż-żwieġ talanqas għandhom jkunu jafu min huwa l-missier naturali tagħhom;

6. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Anthony Cutajar u il-PL Quentin Tanti, li permezz taghha eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri;
2. Illi ir-rikorrenti ghandha minn issa tipprovdi lill-esponenti kull informazzjoni li ghandha dwar mezzi ta' komunikazzjoni mal-intimat l-iehor K L sabiex l-esponenti jkunu jistghu jikkomunikaw mieghu sabiex jigu verifikati l-fatti dikjarati mir-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Anthony Cutajar u il-PL Quentin Tanti;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u il-PL Alison Wadge, li permezz taghha eccepew :

1. Illi huma, fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti K L, mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija nieqsa mill-interess guridiku u ghaldaqstant, ghandha tigi michuda;
3. Salv eccezzjoniijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u PL Alison Wadge;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri R L u G L *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieldu nhar il-5 ta' Marzu 2010[1] u t-12 ta' Frar 2014[2] rispettivament, gew registrati bhala ulied zewgha[3], dan huwa zball da parti taghha stante li missierhom mhux maghruf. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-assenti K L m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati taghhom jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-kliem 'missier mhux maghruf'.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati jirrilevaw li m'humiex edotti mill-fatti u jirriservaw id-dritt li jintavolaw risposta aktar dettaljata jekk ikun il-kaz.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'humiex il-wild naturali tal-intimat assenti K L u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 6 tal-process
[2] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 7 tal-process
[3] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process

cirkustanzi komminati f'Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata.

Ir-rikorrenti tiddikjara li minkejja li l-minuri twieldu fiz-zwieg, *stante* li hi u l-intimat assenti qatt ma ressqu ghal xi forma ta' separazzjoni legali, fil-verita' ma tafx min hu l-istess intimat *stante* li dan kien zwieg irrangat, zwieg ta' konvenjenza arkitettat minn certu Marie Camilleri. Tghid li qatt ma ghexet mal-intimat u lanqas taf min hu. Izzid tghid li lanqas ma taf min hu l-missier tal-minuri.

Il-Qorti tirrileva li ma gie esebit ebda *test* xjentifiku li juri bic-car li l-minuri m'humiex ulied l-intimat. Min-naha l-ohra, *stante* c-cirkustanzi partikolari tal-kaz fejn lanqas l-attrici ma taf min huwa zewgha peress li dan kien biss zwieg ta' konvenjenza, huwa ferm difficli ghar-rikorrenti li tressaq tali prova. Ghalhekk il-Qorti trid necessarjament toqghod fuq il-provi li hemm fl-atti u cioe' l-affidavit tal-attrici *stante* li din hija l-unika prova li giet esebita.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li kien ikun ferm ahjar li kieku gie esebit test xjentifiku, mill-atti stess ma jirrizulta xejn li jista' jwassal lil din l-istess Qorti sabiex ma taghtix piz lill-verzjoni moghtija mill-attrici. Zgur li dan ma kienx l-ewwel zwieg ta' konvenjenza li qatt sar. Ghalhekk, tenut kont tal-fatt li l-verzjoni attrici bl-ebda mod m'hija kontraddetta, l-Qorti thoss li l-istess attrici rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri R u G verament mhumiex l-ulied naturali tal-intimat u ghaldaqstant, hemm lok li jkun hemm tibdil fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri. Huwa minnu li kif jikkontendi d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun ghaqli li jigi kjamat in kawza l-missier naturali, pero' l-attrici ssostni li ma tafx min hu. Fic-cirkustanzi, l-Qorti m'ghandha ebda alternattiva ohra hlief li tiddikjara li missier il-minuri huwa mhux maghruf.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimat K L m’huwiex il-missier naturali tal-minuri R L u G L;

(2) Tilqa’ t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta’ R L bin-numru 943/2010 u fic-certifikat tat-twelid ta’ G L bin-numru 1049/2014 b’dan illi l-konnotati tal-intimat K L jigu mhassra minn fuq l-istess certifikati u jigu sostitwiti bil-kliem missier mhux maghruf.

(3) Tilqa’ t-tielet talba.

Tordna li din is-sentenza tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll lid-Dipartiment tac-Cittadinanza u *Expatriates*.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------